MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 674/2007

**Rikors Numru 674/07 SM**

**Sylvester sive Vestru Farrugia (karta ta' l-identita` numru 730438 (M)), f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh assenti Salvu Farrugia, Anthony Farrugia (karta ta' l-identita` numru 592932 (M)), Nazzareno sive Zaren Farrugia (karta ta' l-identita` numru 480943 (M)), f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' hutu l-assenti Giovanni u Geraldu, kif ukoll Joseph (karta ta' l-identita` numru 410658 (M)), Carmen (karta ta' l-identita` numru 252560 (M)), Mary Rose mart George Abela (karta ta' l-identita` numru 690362 (M)), Philip (karta ta' l-identita` numru 73165 (M)), u Jacqueline (karta ta' l-identita` numru 338270 (M)), ahwa Farrugia wlied Emanuel, kif ukoll Maria mart George Mifsud (karta ta' l-identita` numru 591056 (M)), Anna mart Anthony Buhagiar (karta ta' l-identita` numru 11358 (M)), Carmen mart George Ellul (karta ta' l-identita` numru 500660 (M)), u**

**Phyllis mart Christopher Borg (karta ta’ l-identita` numru 131069 (M)) ahwa Farrugia wlied il-mejjet Joseph Farrugia**

**vs**

**Mary Grace Camilleri (karta ta’ l-identita` numru 573 (M))**

**u Mario Casha (karta ta’ l-identita` numru 507782 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 ta’ Gunju, 2007, li permezz tieghu, ir-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi fit-18 ta’ Novembru, 2006, miet Carmelo Farrugia, guvni, iben il-mejtin Filippo Farrugia u Carmela nee` Mifsud, fl-eta` ta’ wiehed u sebghin (71) sena, (ara fol 6);

1.2 Illi l-ahhar testament tal-imsemmi Carmelo Farrugia hu datat il-11 ta’ Mejju, 2006, in atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, (ara fol 10):

1.3 Illi permezz tal-imsemmi testment, l-imsemmi testatur iddispona minn gidu bil-mod segwenti:

1.3.1. Illi hassar, annulla u rrevoka kull testment precedenti li seta’ ghamel;

1.3.2. Illi nnomina lis-segwenti bhala werrieta universali u sidien assolut tal-gid kollu tieghu wara mewtu u dan f’ishma indaqs bejniethom, (ara fol 10);

1.3.2.i. Mary Grace Camilleri: karta t'identita` numru 573 (M);

1.3.2.ii. Mario Casha: karta t'identita` numru 507782 (M);

1.4 Illi l-imsemmi testatur iddikjara li ghamel dan biex jikkompensa lill-eredi universali tieghu indikati fil-paragrafu precedenti biex jikkompenshom ghas-servizzi u prestazzjonijiet minnhom lilu rezi, bil-kundizzjoni espressa li l-prestazzjonijiet jibqghu jsiru sa ma jmut;

1.5 Illi l-imsemmi testatur Carmelo Farrugia miet minhabba "*severe malnutrition and cachexia*";

1.6 Illi dan ifisser li thalla traskurat u minghajr ikel ghal zmien konsiderevoli;

1.7 Illi wara li ttiehed l-isptar, it-tentattivi tat-tobba li johorguh mill-atrofija muskolari u debbolizza li kien jinsab fiha kienu kollha inutili;

1.8 Illi ghalhekk l-intimati ma ssodisfawx il-kondizzjoni msemmija mit-testatur fit-testment tieghu biex ikunu jistghu jitqiesu werrieta tieghu;

1.9 Illi interpellati biex jiddikjaraw il-pozizzjoni taghhom fir-rigward, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.10 Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` biex iwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti biex din il-qorti:

1.10.1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ma rnexxielhomx igibu prova sodisfacenti li ottemporaw ruhhom mal-kundizzjoni msemmija mit-testatur fit-testment tieghu, u cioe`, li ma baqghux jipprestawlu s-servigi *de quo*, u jekk ipprestaw xi forma ta' servigi, dawn certament ma kienux tali li wiehed jistemma f'cirkostanzi simili;

1.10.2. Tiddikjara li ghalhekk l-intimati iddekadew mid-drittijiet taghhom imsemmija fit-testment in dizamina;

1.10.3. Tiddikjara li l-wirt tal-imsemmi testatur Carmelo Farrugia hu meqjus bhala intestat u li ghalhekk il-wirt tieghu jaqa` fuq ir-rikorrenti bhala hutu u it-tfal ta' hutu skont il-ligi fis-sehem rispettiv taghhom;

1.10.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata l-14 ta' Jannar, 2008, li permezz taghha l-intimati sintetikament esponew is-segwenti:

2.1 Illi l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi irrita u nulla;

2.2 Illi r-rikorrenti qed jittentaw jimpunjaw it-testment ta' Carmelo Farrugia minghajr ma saret talba specifika ghal dan;

2.3 Illi kemm –il darba jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-effett ikun li jithassar it-testment datat it-18 ta' Novembru, 2006, in dizamina, u dan, minhabba nuqqas attribwit lill-intimati u mhux imhabba xi irregolarita` fil-forma jew fis-sustanza tal-imsemmi testment;

2.4 Illi r-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku biex jipproponu l-procedura odjerna;

2.5 Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-iseppjez, u dan, stante li l-intimati ma naqsux fl-obbligi taghhom fil-konfront tad-*decuius*;

2.6 Illi l-oneru tal-prova hu fuq ir-rikorrenti;

2.7 Illi l-intimati kienu gia` ipprestaw is-servigi sad-data tat-testment u ghalhekk ma jistax ikun hemm dikjarazzjoni ta' dekadenza assoluta stante li intitolati ghal kumpens ghas-servigi minnhom rezi sad-data tat-testment;

2.8 Illi t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, bl-ispejjez;

2.9 B'riserva ta' risposti ulterjuri skont il-ligi;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta' Gunju, 2009, (ara fol 212), li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rikorrenti datata d-9 ta' Mejju, 2009, (ara fol 209), imwiegba fil-5 ta' Gunju, 2009, (ara fol 211), hatret assistent gudizzjarju ghall-iskop hemm indikat;

4. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat is-26 ta’ Frar, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 382), u kif sussegwentement estiza *ai termini* tad-digriet datat il-11 ta’ Gunju, 2013, (ara fol 388);

5. Rat in-nota tar-rikorrenti datata t-22 t’Ottubru, 2013, (ara fol 392), u dik tal-intimati datata t-8 ta’ Jannar, 2014, (ara fol 409);

6. Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta flimkien mad-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

7.0 Illi l-istat fiziku tad-*decuius* Carmelo Farrugia fl-ahhar perjodu ta’ hajtu jista’ jigi sintetizzat bil-mod segwenti, u dan, a bazi tat-tobba li kienu qed jikkurawh fl-istess perjodu, senjatament:

7.1 It-tabib Dottor Godfrey Farrugia; u

7.2 Il-Professur Carmel Mallia;

Ikkunsidrat:

8.0 Illi skont l-imsemmi Dottor Farrugia li kien jikkura lill-imsemmi *decuius* qabel iddahhal l-isptar, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1 Illi d-*decuius* kien ibati bir-rewmatizmu, bl-azma, bl-affann, b'qalbu u kien t'eta` avvanzata – ta' madwar sebghin (70) sena, (ara fol 309);

8.2 Illi d-*decuius* kellu *fobia* partikolari li ma kienx ikun irid imur l-isptar, (ara fol 309);

8.3 Illi l-intimati kienu jikkuntattjaw lill-istess tabib biex jikkura lid-*decuius* in dizamina, (ara fol 310);

8.4 Illi l-istess tabib kuranti *de quo* jafferma bil-gurament tieghu li l-intimati li kien qed jgharaf fl-awla kienu jiehdu hsieb tajjeb tad-*decuius* in dizamina u dan jattestah billi Carmelo Farrugia ma kienx ikullu "*pressure sores*", stante li l-intimati:

> " … kienu jaghmlu minn kollox anke biex icaqalquh", (ara fol 310);

8.5 Illi meta kien jezaminah id-dar kien jara li Farrugia kien mizmum f'ambjent nadif u f'dar mizmuma kif jixraq, (ara fol 310);

8.6 Illi Farrugia ma kienx ikollu aptit jiekol, (ara fol 310);

8.7 Illi l-medicini preskritti dejjem u regolarment inxtrawlu mill-istess intimati, (ara fol 310);

8.8 Illi ma kienx ikun irid *nurse* mieghu, lanqas tal-MMDNA u ghalhekk, dan ix-xoghol kienu ghamluh l-intimati, (ara fol 310), li kienu wkoll jahsluh, (ara fol 311);

8.9 Illi l-istess *decuius* kien ukoll jirrifjuta li jigi invistat minn tabib u kien jikkoncedi tali visti biss meta jsib ruhu f'sitwazzjoni prekarja hafna u akuta, (ara fol 311);

8.10 Illi meta l-imsemmi Dottor Farrugia kien jinvista lid-*decuius*, l-intimati dejjem kienu jkunu prezenti;

8.11 Illi kien l-istess Dottor Farrugia li irrefera lill-imsemmi Carmelo Farrugia l-isptar meta sahhtu ipprecipitat u dan, nonostante li kien ostinatament xorta irrifjuta milli jmur l-isptar, (ara fol 312 u 327);

Ikkunsidrat:

9.0 Illi skont il-Professur Carmel Mallia li ikkura lil Carmelo Farrugia meta dan kien rikoverat l-isptar, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

9.1 Illi d-*decuius* iddahhal l-isptar tlett (3) ijiem qabel ma miet, (ara fol 110);

9.2 Illi qabel ma gie mghoddi lill-imsemmi professur, Farrugia kien ezaminat fid-Dipartiment tal-Emergenza, (ara fol 110);

9.3 Illi meta d-*decuius* iddahhal l-isptar irrizulta li kellu temperatura baxxa hafna u kien desidratat anemiku; (ara fol 110 u 111);

9.4 Illi l-istess Farrugia ma kienx f'sensieh kompletament, (ara fol 111);

9.5 Illi kellu wkoll kollass f'qalbu, (ara fol 112), jew addirittura kollass tal-kliewi, (ara fol 112);

9.6 Illi Farrugia kellu zokkor baxx hafna, (ara fol 114);

9.7 Illi meta Farrugia ddahhal l-isptar dan kien f'sitwazzjoni tant hazina li ma kienx hemm possibilita` li din setghet tigi mibdula ghall-ahjar, anzi irrizulta li aktar tard is-sitwazzjoni ipprecipitat, (ara fol 115);

9.8 Illi stante li l-istat mentali ta' Farrugia ma kienx tajjeb, jirrizulta li kien ukoll abbuziv verbalment, (ara fol 115);

9.9 Illi la saru investigazzjonijiet ulterjuri u lanqas awtopsja fuq id-*decuius*, (ara fol 116 u 117);

9.10 Illi skont il-professur *de quo* il-kawza tal-mewt ta' Farrugia hi in-"*Nutritional Cachexia*" li hu stat li jizviluppa f'perjodu ta' gimghat, (ara fol 118);

Ikkunsidrat:

10.0 Illi ghalhekk il-versjonijiet medici fuq sintetikament esposti jistghu jigu esposti bil-mod segwenti:

10.1 Skont it-tabib tal-familja kuranti fuq indikat:

10.1.i. Illi d-*decuius* kien qed isofri mid-diversi kundizzjonijiet u mard fuq indikati li kienu rezi anke serji bil-karattru skontruz riskontrat;

10.1.ii. Illi l-intimati kienu jiehdu hsieb sew tad-*decuius*;

10.2 Skont il-professur responsabbli fl-isptar

10.2.i. Illi sahhet id-*decuius* kienet ipprecipitat fuq id-diversi fronti fuq sintetikament indikati;

10.2.ii. Illi kien hemm is-sintomi tal-“*Cachexia*”;

Ikkunsidrat:

11.0 Illi fuq il-kwistjoni preliminari tal-interess guridiku tar-rikorrenti sollevata mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

11.1 Illi ghandu jkun pacifiku li kemm -il darba jkun dikjarat li l-intimati m'ottemporawx ruhhom mal-kundizzjoni testamentarja in dizamina imposta fuqhom, allura r-rikorrenti kollha jkollhom interess guridiku fit-testment in dizamina billi jigu lkoll meqjusa eredi ugwali tad-*decuius* Carmelo Farrugia;

11.2 Illi ghaldaqstant, l-interess guridiku indikat mill-intimati ghaldak li jirrigwarda lir-rikorrenti fil-procedura odjerna jezisti;

11.3 Illi konsegwentement qed tirrespingi din ir-risposta preliminari tal-intimati;

Ikkunsidrat:

12. Illi fil-meritu, ghandu jinghad li l-principju li min jallega jrid jipprova jibqa' principju attwali u rizoluttiv tal-vertenza odjerna;

13. Illi r-rikorrenti qieghdin jallegaw li l-intimati m'ottemporawx ruhhom mal-kundizzjoni testamentarja imposta fuq l-intimati mid-*decuius* billi meta dan iddahhal l-isptar fl-ahhar fazi ta' hajtu instab li kien qed ibati bil-kundizzjoni fuq indikata tal-"*Cachaxia*";

Ikkunsidrat:

14. Illi pero` din hi konkluzjoni superficjali li l-imsemmi professur wasal ghaliha wara li ezamina lid-*decuius* f'perjodu pjuttost qasir;

15.0 Illi jirrizulta li t-tabib normalment kuranti tad-*decuius* jaghti stampa differenti tar-realta` u jindika sintetikament is-segwenti:

15.1 Illi f'din l-ahhar fazi ta' hajtu d-*decuius* kien qed ibati minn diversi kondizzjonijiet serji;

15.2 Illi kellu natural burberu fejn kien jirrifjuta l-kura u jipprendi l-isptar u n-*nurses*;

15.3 Illi bhala l-uniku xhud okulari, isostni wkoll li l-intimati kienu jiehdu hsieb effettiv tal-istess *decuius* sakemm setghu;

Ikkunsidrat:

16. Illi *di piu`*, kif stabbilit mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Micallef et vs Avukat Dr. Alfredo Mercieca nomine, datata s-16 ta' Jannar, 1956,** f'dan il-kamp partikolati l-guristi jiddistingwu bejn "*conditio*" u "*modus*", (ara Volum XL – P.II, p.678 *et sequitur*);

17.0 Illi f'dan il-kuntest :

17.1 Il-*modus* " … mhux hag'ohra hlief obligazzjoni accessorja ghal kuntratt ta' indoli gratuita, li tigi imposta lill-persuna gratifikata minghajr dan il-*modus*, din l-obbligazzjoni, il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalita`";

17.2 Il-*conditio* " … qatt m'ghandha effikacja koercittiva imma verament effett sospensiv jew rizoluttiv;

Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-premess analisi tal-fatti kilf fuq sintetikament esposti jindikaw li il-kundizzjoni imposta mit-tesatur Farrugia fuq l-intimati fit-testment tieghu fuq riferit hi in effetti modalita` fejn permezz taghha l-intimati gew dikjarati eredi universali bil-kundizzjoni li jibqghu jirrendu s-servigi precedentement minnhom moghtija lid-*decuius* in dizamina sa l-ahhar ta' hajtu;

19. Illi *di piu`*, in vista tal-premess, kif indikat mix-xhieda informata u oggettiva tat-tabib Farrugia fuq indikat, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti indirizzati fil-konfront tal-intimati ma jirrizultawx ipprovati skont il-ligi;

20. Illi dan qed jigi ribadit ghaliex l-imsemmi xhud okulari, indipendenti u oggettiv fuq indikat jipprova il-kuntrarju;

21. Illi *di piu`*, l-allegazzjoni tar-rikorrenti kif stradati mill-professur fuq riferit ma ssib l-ebda sostenn indipendenti w oggettiv stante li ghal

kunrarju ta' sitwazzjonijiet simili, la inzammet Inkjesta Magisterjali u lanqas giet ordnata awtopsja;

22. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet sollevati mir-rikorrenti ma jitrasformawx ruhhom fi prova indiskussa sostenuta oggettivament; skont il-ligi;

**DECIDE:**

23.0 Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

23.1 Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti:

23.2 Takkolji r-risposti tal-intimati bl-eccezzjoni ta' dik rigwardanti l-interess guridiku fuq gia` deciza, (ara paragrafu numru hdax (11) aktar qabel);

23.3 Bl-ispejjez rimanenti kontra r-rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------